**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Xiberras)**
**(Spettur Matthew Grech)**

**vs**

**Martin Joseph Xuereb**

**Illum 10 ta' Marzu 2021**

**Kumpilazzjoni numru: 430/2020**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Martin Joseph Xuereb, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 509090(M) billi huwa akkuzat talli bejn l-4 ta' Lulju 2020 u l-5 ta' Lulju 2020, minn gewwa art privata fi Triq Durumblat fil-Mosta u/jew f'dawn il-Gzejjer;

1. Ikkommetta serq ta' vettura bil-mutur tal-ghamla Isuzu Elf bin-numru tar-registrazzjoni KBI 993 u diversi ghodod li l-valur taghhom jeccedi l-elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad-dannu ta' Robert Azzopardi mil-Mosta u/jew persuni ohra, liema serq hu kkwalifikat bil-valur, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa.
2. U aktar talli kkommetta serq ta' diversi litri ta' "Diesel" minn vettura tal-ghamla DAF bin-numri tar-registrazzjoni ABQ 165, minn vettura

tal-ghamla Coles bin-numri tar-registrazzjoni ABG 102, kif ukoll minn vettura KBI 993 li l-valur taghhom jaccedi l-mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda hu anqas minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) liema serq hu kkwalifikat bil-valur, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa.

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi xjentament laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentament b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.
4. U aktar talli wara li kien ikkundannat f'Malta ghall-serq, kien fil-pussess ta' oggetti li ma kienux tal-kondizzjoni tieghu minghajr ma ta kont sodisfacenti ta' kif kienu gew legittimament ghandu.
5. U aktar talli fil-5 ta' Lulju 2020, bejn l-16:00hrs u s-18:00hrs f'Had-Dingli jew fil-vicinanzi saq vettura tal-ghamla Mitsubishi bin-numri tar-registrazzjoni FAZ 597 minghajr ma kien kopert b'licenzja ta' sewqan kurrenti mahruga mid-direttur tal-awtorita' kompetenti u/jew l-imsemmi vettura ma kinitx koperta bil-licenzja tat-triq ghas-sena kurrenti.
6. U aktar talli fil-5 ta' Lulju 2020, bejn l-16:00hrs u s-18:00hrs f'Had-Dingli jew fil-vicinanzi saq vettura tal-ghamla Mitsubishi bin-numri tar-registrazzjoni FAZ 597 minghajr ma kien kopert bil-polza t'assigurazzjoni dwar ir-riskju tat-terzi persuni.
7. U aktar talli biddel, irranga mill-gdid jew hassar marka tar-registrazzjoni tal-vettura, fuq vettura bil-mutur jew xorta ohra baghbas mal-pjanci tar-registrazzjoni ta' vettura bil-mutur.
8. Ghamel uzu minn numru ta' identifikazzjoni ACA 632 xorta ohra minn dik mghottija mill-Awtorita dwar it-transport f'Malta dwar xi vettura bil-mutur.
9. Aktar talli meta sab pjanci tar-registrazzjoni bin-numru ACA 632 li kienet naqset lil Fares Hmein Sheibani bin-numru tal-identita' 0127883A ma gharrafx biha fi zmien tlett ijiem lill-Pulizija Ezekuttiva.

Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi irrenda ruhu ricediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jinbidlu.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija barra l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija tordna jew timpeddixxi lill-imputat milli jkollu jew jottjeni l-licenzji tas-sewqan ghal perjodu li l-istess Qorti jidrilha li hu xieraq.

*XHIEDA*

F'dan il-process xehdu tmien (8) xhieda kif gej:

Spettur Mario Xiberras (*a fol* 41 et. seq.); Robert Azzopardi (*a fol* 90 et. seq.); PS 1300 Julian John Fenech (*a fol* 105 et. seq.); PS 583 Evan Grech (*a fol* 113 et. seq.); Spettur Mario Xiberras (*a fol* 117 et. seq.); Dr. Katya Vassallo (*a fol* 139 et. seq.); Dr. Martin Bajada (*a fol* 165 et. seq.); Probation Officer Glen Grixti (*a fol* 193 et. seq.).

**Ikkunsidrat:**

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrat fl-atti fis-seduta tal-1 ta' Dicembru 2020 ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) tal-Kap. 9 talLigijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba wara li kkonsulta mal-avukat tieghu Dr Martin Fenech li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Rat ir-rakkomandazzjoni tal-Pre Sentencing Report – ipprezentat mill-Probation Officer Glen Grixti fis-seduta tat-28 ta' Jannar 2021 fejn ikkonkluda li:

> *Fid-dawl tal-informazzjoni migbura, qed ikun issuggerit lil dina l-Onorabbli Qorti illi Martin jinghata piena karcerarja u dan minhabba li l-imputat ma jidhirx li tghallem mill-izbalji tal-passat tant li inqas minn sena ilu huwa baqa' jinvolvi ruhu f'attivitajiet kriminali.*
>
> *Minbarra l-piena karcerarja, qed ikun issuggerit lil din il-Qorti li tinhareg Ordni ta' Trattament u dan sabiex l-Ufficjal sorveljanti jaccerta ruhu li Martin qed jiehu l-kura.*
>
> *Tinhass il-htiega wkoll li din l-Onorabbli Qorti tirrestringi lil Martin milli javvicina lill-vittma tal-kaz u anke li huwa jiffrekwenta dawk l-inhawi biex ikunu evitati incidenti ohra.*

Semghet sottomissjonijiet dwar il-piena fejn l-Ufficjal Prosekutur kien mitlub li jipprezenta l-piena stabilita' ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat.

**KONSIDERAZZJONIJIET DWAR IL-PIENA**

Ricentement il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Simon Borg**[1] dahlet fil-fond dwar l-iskop ta' piena li jinkludi fost il-principji kardinali hemm l-effett Retributtivu Preventiv tal-piena:

> *L-**aspett retributtiv** tal-piena huwa, skont il-ġurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi is-sitwazzjoni morali socjali għal kif kienet qabel ma seħħet il-ħsara lis-socjeta bil- kommissjoni tar-reat. U s-socjeta teżiġi li l-ħati jagħmel tajjeb għall-azzjoni vjolattiva tad-dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paċi u trankwillita' tagħha.*
>
> *L-**aspett preventiv** tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi għal biżà li s-sanzjoni li tkun tista' tingħata toħloq f'moħħ is-socjeta, b'mod li dak li jkun jerġà jaħsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem ieħor, minħabba l-biżà li teħel il-piena, persuna tiġi mġeġħela tixtarr sew il-konsegwenzi t'egħmilha qabel ma twettaq l-att kriminuż.*

[1]Appell numru 96/2019deciz Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja fl-10 t'Ottubru 2019

*L-**aspett preventiv** għalhekk huwa duplici : wieħed ta' natura ġenerali u l-ieħor ta' natura specjali. L-**effett preventiv ġenerali** huwa dak li bis-saħħa tal-liġi penali li tistabbilixxi l-piena, is-socjeta tiġi kemm jista' jkun imrażna milli tikkommetti reati minħabba l- biża li tinkorri fil-piena jekk tinstab ħatja. Aktar ma dik il-piena tiġi applikata fil-prattika, aktar dak l-effett preventiv ġenerali jkun laħaq il-mira tiegħu. L-**aspett preventiv specjali** huwa dak li japplika għall-ħati innifsu, li jkun esperjenza fuqu personali l-effetti tal-piena, b'mod li darb'oħra jerġa jaħsibha sew qabel ma jagħżel li jikser il-Liġi. Jekk is-socjeta titlef din il-biża mill-piena minħabba li l-Liġi penali tibda' titnaqqar fil-kwalita jew kwantita tal-piena jew inkella minħabba li l-pieni ma jiġux applikati bir-rigorosita dovuta għall-fattispecie tal-każ, allura ma jkun hemm xejn li jgiegħel lill- membri tas-socjeta milli jiddeżistu għax jekk jiddelinkwu mingħajr konsegwenza jew b'konsegwenza żgħira, isir konvenjenti għall- membri fi ħdan socjeta li jiddelinkwu. Dan iwassal għal proliferazzjoni ta' delinkwenza b'konsegwenzi nefasti għall-interessi tal-kollettivita'. Is-socjeta allura teħtieġ li l-piena jkollha aspett preventiv li jkun effettiv u effikaci meħtieġ għall-eżistenza pacifika tagħha stess. Altrimenti, il-kollass.*

**DECIDE:**

L-imputat qieghed jinstab hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontrih wara l-ammissjoni tieghu, se tqis li hemm imputazzjonijiet li huma alternattivi ghal xulxin u ser jigi applikat l-Artikolu 17 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat li mill-fedina penali tal-imputat jirrizulta li huwa ben stradat fit-triq tal-kriminalita' u wehel piena ta' habs

f'diversi okkazzjonijiet. Il-Qorti izda kkunsidrat ukoll li l-imputat kellu problemi ta' abbuz ta' droga, l-ammissjoni bikrija, li huwa ricediv u dak li kien rimarkat fil-pre-sentencing report u ghalhekk ghalkemm ser tigi imposta piena karcerarja li ser tigi applikata lejn il-minimum taghha.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu u dan wara l-ammissjoni tieghu u wara li rat l-Artikoli 17, 49, 50, 216, 270, 271(g), 279(a), 279(b), 287, 334 u 340 tal-Kap 9, Artikoli15(1A), 15(1)(a) tal-Kap. 65, Artikolu 3 tal-Kap. 104, u Artikolu 44(1)(4) L.S. 368.02 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-ewwel, tat-tieni, tat-tielet, tar-raba', tal-hames, tas-sitt, tas-seba', tat-tmien u tad-disa' imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah **tnejn u ghoxrin (22) xahar prigunerija u multa ta' elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) flimkien ma' sena sospensjoni tal-liċenzji kollha tas-sewqan.**

U barra minn hekk il-Qorti qeghda tqieghed lill-hati ukoll taht ordni ta' trattament ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kodici Kriminali, liema ordni qieghed isir ghal perjodu ta' tliet (3) snin bil kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u Ordni ta' Trattament b'digriet ta' llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation.

In oltre l-Qorti tordna lill-ħati jħallas l-ispejjeż kollha li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema spejjeż jammontaw għas-somma ta' sitt mija u

hamsa u ghoxrin Ewro (EUR625)[2] li għandhom jitħallsu fi żmien tlett xhur b'dan li  jekk il-ħati jonqos li jħallas dan l-ammont jew parti minnu fiż-żmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skond ir-rati applikabbli ai termini tal-liġi.

Finalment il-Qorti tordna li dawn l-atti jintbaghtu ghand l-Avukat Generali fiz-zmien li trid il-Ligi.

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**

[2] Spejjez tal-espert Dr Martin Bajada